# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-3 ta' Mejju, 2016**

**Rikors Numru 717/2011**

**Paul Azzopardi I.D. 398066M, Clifton Gilford I.D. 4483M, Saviour Micallef I.D. 997450M, Simone Cachia I.D. 46988M, Rita Zammit I.D. 418379M, Antida Bonavia I.D. 513563M, Leanne Vella I.D. 554090M, Andrew Zammit I.D. 429087M, Veronica Bezzina I.D. 203856M, Josephine Agius 677462M, Daniela Aquilina I.D. 591483M, Doris Borg I.D. 21769M, Alfred Zerafa I.D. 392259M, Stephanie Galea 0285186A, Rosemary Xerri I.D. 591485M, Rachelle Gialanze I.D. 560692M, Maria Carmela Aquilina I.D. 47471M, Maria Sultana I.D. 297891M, Roxanne Caruana I.D. 283191M, Kirby Sciberras I.D. 152688M, Kirstie Genuis I.D. 516092M, Annalise Debono I.D. 375091M, Noel Vella I.D. 490292M, Loreta Saliba I.D. 445872M, Maria Assunta (M'Assunta) Spiteri I.D. 867054M, Alison Aquilina I.D. 349581M, Joanne Caruana I.D. 56079M, Jeanette Bonnici I.D. 74380M, Virginia Pulis I.D, 762557M, Franca Calleja I.D. 532963M,**

**Anna Bugeja I.D. 156161M, Marthese Formosa I.D. 691562M, Tony Mersey I.D. 56087M, Wilhelmina Falzon I.D. 8684M, Panthea Butler I.D. 499588M, Christopher Grech 345682M u Rodianne Grixti I.D. 71585M**

**vs.**

***Ketek International Limited* (C 28581) u skont digriet datat 12 ta' Gunju, 2012, giet ordnata l-kjamata fil-kawza tas-socjeta` *Methode Electronics Malta Limited*.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-27 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi r-rikorrenti kienu impjegati tas-socjeta` intimata;

1.2. Illi l-istess socjeta` waqqfet l-impjieg tar-rikorrenti *stante* li ma baqatx topera aktar;

1.3. Illi fid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg taghhom fuq riferit ir-rikorrenti jsostnu li s-socjeta` intimata ghad ghandha taghtihom is-segwenti:

1.3.1. Arretrati tas-salarju lilhom dovut;

1.3.2. Beneficcji ohra naxxenti:

1.3.2.i. Kemm mill-impjieg taghhom, u

1.3.2.ii. Kemm mit-terminazzjoni tal-istess, senjatament, *notice money*;

1.4. Illi s-socjeta` intimata naqqset li thallas dak minnha dovut lir-rikorrenti;

1.5. Illi l-ammonti dovuti lir-rikorrenti gew indikati *singulatim* fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2 sa 5);

1.6. Illi ghalkemm debitament interpellata diversi drabi biex thallas l-ammonti indikati fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti involuti, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.7. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kienu kostretti jadixxu din il-qorti biex is-socjeta` intimata u s-socjeta` sussegwentement kjamata in kawza jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Thallas lir-rikorrenti l-arretrati tas-salarju u n-*notice money* lilhom dovut kif elenkat fit-talba appozita kontenuta fl-istess rikors guramentat promotur, komplessivament ammontanti ghal sebgha u sittin elf u hames Ewro u ghoxrin centezmu, (€67,005.20);

1.7.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata u dik sussegwentement kjamata in kawza, jew min minnhom, biex ihallsu l-ammont komplessiv kif indikat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti fuq indikati;

1.7.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur sad-data tal-effettiv pagament;

2.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata *Ketek International Limited* datata l-10 t'April, 2012, li permezz taghha sintetikament irrispondiet is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi l-ebda ammont m'hu dovut lir-rikorrenti mis-socjeta` intimata;

2.3. Illi attwalment sar trasferiment ta' negozju bejn is-socjeta` intimata *Ketek International Limited* u s-socjeta` *Methode Electronics Malta Limited ai termini* tal-artiklu 38 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u *ai termini* tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.85 mahruga taht l-imsemmi Kap;

2.4. Illi ghalhekk is-socjeta` *Ketek International Limited* mhix il-legittimu kontradittur;

2.5. Illi kwalsiasi pretensjoni ghandha tkun indirizzata lis-socjeta` kjamata in kawza *Methode Electronics Malta Limited*;

2.6. Illi *di piu`*, kull rikorrenti ghandu jindika x'jirraprezenta l-ammont minnu mitlub;

2.7. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu, wara li rat ir-rikors appozitu tas-socjeta` intimata hemm indikata datat il-11 ta' Mejju, 2012, (ara foll 44), u wara li r-risposta tal-intimati datata l-5 ta' Gunju, 2012, (ara foll 68), ordnat il-kjamata in kawza tas-socjeta` *Methode Electronics Malta Limited*, (ara foll 44 u 69);

4.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` kjamata in kawza fuq indikata datata l-5 ta' Lulju, 2012, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

4.1. Illi mhux minnu li t-trasferiment ta' negozju in dizamina bejn is-socjeta` intimata u dik kjamata in kawza sar *ai termini* tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-regolamenti sussidjarji indikati mill-istess socjeta` intimata, (ara paragrafu numru tnejn punt tlieta, (2.3.), aktar qabel);

4.2. Illi ma kien hemm l-ebda trasferiment ta' negozju bejn s-socjetajiet intimati;

4.3. Illi *stante* li s-socjeta` intimata kienet f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja intlahaq ftehim bejn is-socjetajiet intimati li dik kjamata in kawza tiehu lura l-makkinarju li kien taghha, liema makkinarju kien minnha misluf lilha mis-socjeta` intimata;

4.4. Illi wara li l-istess socjeta` kjamata in kawza xtrat makkinarji ohra, thalliet topera fl-istess bini precedentement mikri lis-socjeta` intimata bil-kundizzjoni li jhallsu lill-impjegati kkoncernati biex tkun tista` titkompla l-produzzjoni;

4.5. Illi bhala gest ta' *buona volonta*` l-istess impjegati gew offruti l-possibilita` li jigu impjegati mas-socjeta` kjamata in kawza – ghalkemm dan ukoll sar b'insistenza tal-Korporazzjoni Maltija ghal-Intrapriza;

4.6. Illi mhux possibbli li s-socjeta` intimata tithalla tinvoka obbligi bil-ghan li tevita l-pretensjonijiet vantati fil-konfront taghha, *molto piu*` meta m'ghamlitx dak li l-ligi kienet tobblighom li jaghmlu;

4.7. Illi l-ligi rikjamata mis-socjeta` intimata tikkoncerna t-trasferiment ta' negozju u mhux it-terminazzjoni tal-impjieg;

4.8. Illi wahda mit-talbiet tar-rikorrenti tikkoncerna in-*notice money* li tikkonferma li hawn mhux qed tigi investita kwistjoni ta' trasferiment ta' negozju *stante* li altrimenti, ma kienitx tqum din il-kwistjoni;

4.9. Illi *notice money* hi dovuta minn min ikun ittermina l-impjieg u mhux minn min ikun assuma r-responsabilita` li jimpjega mill-gdid lill-impjegat ikkoncernat;

4.10. Illi in vista tal-premess, ghal dak li jirrigwarda s-socjeta` kjamata in kawza, t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

4.11. Bl-ispejjez;

5. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet kollha involuti fil-procedura in dizamina awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 308), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 313);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata kjamata in kawza fuq indikata datat l-15 ta' Gunju, 2015, (ara foll 309);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-26 t'Ottubru, 2015, (ara foll 314);

8. Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata *Ketek International Limited* datata l-4 ta' Novembru, 2015, (ara foll 321);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tas-socjeta` intimata kjamata in kawza *Methode Electronics Limited* datata t-12 ta' Jannar, 2016, (ara foll 328);

10. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi permezz tal-procedura odjerna r-rikorrenti, lkoll gia` impjegati tas-socjeta` intimata *Ketek International Limited* qed juzufruwixxu ruhhom minn din il-procedura biex mill-istess socjeta` hawn indikata qeghdin jitolbu s-segwenti:

13.1. Hlas arretrati ta' salarji lilhom minnha dovuti;

13.2. Hlas ta' beneficcji naxxenti mill-istess impjieg taghhom, (*vacation leave)*;

13.3. Hlas rigwardanti t-terminazzjoni tal-impjieg taghhom mill-istess socjeta` intimata, (*notice money*);

14. Illi a skans ta' dilungar inutili l-ammonti dovuti lir-rikorrenti gew indikati *singulatim* fl-istess rikors guramentat promotur u mhux qed jergghu jigu riprodotti hawn, (ara foll 2 sa 5 u foll 5 sa 7);

15. Illi komplessivament, l-ammont hekk rikjamat mir-rikorrenti jammonta ghal sebgha u sittin elf u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu, (€67,050.20), (ara foll 7);

16. Illi ghar-ragunijiet indikati l-istess socjeta` intimata *Ketek International Limited* talbet il-kjamata in kawza tas-socjeta` *Methode Electronics Malta Limited*, liema talba giet milqugha permezz tad-digriet ta' din il-qorti datat it-12 ta' Gunju, 2012, (ara foll 44 u 69);

Ikkunsidrat:

17. Illi l-prezenza kontemporanja taz-zewg socjetajiet intimati indikati fil-paragrafu precedenti f'din il-procedura giet reza necessarja *stante* li s-socjeta` originarjament intimata *Ketek International Limited*, sostniet li l-involviment taghha fil-kwistjoni jirrizulta naxxenti minn trasferiment tan-negozju in dizamina favur is-socjeta` kjamata in kawza *Methode Electronics Malta Limited* a bazi tal-artiklu 38 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Legislazzjoni Sussidjarja minnha indirizzata, (ara paragrafu numru tnejn punt tlieta, (2.3.), aktar qabel);

18.0. Illi da parti taghha s-socjeta` kjamata in kawza fuq indikata, filwaqt li tinnega li kien hemm l-allegat trasferiment ta' negozju ssosstni sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi s-socjeta` intimata *de quo* kienet f'sitwazzjoni finanzjarjament prekarja;

18.2. Illi ghalhekk iz-zewg socjetajiet intimati kkonkludew ftehim li permezz tieghu:

18.2.1. Is-socjeta` kjamata in kawza intrabtet li tiehu lura l-makkinarju li s-socjeta` *Ketek*

*International Limited* kienet tuza izda li kienu proprjeta` tal-istess socjeta` kjamata in kawza;

18.2.2. Illi l-istess socjeta` kjamata in kawza thalliet topera mill-istess bini precedentement mikri lis-socjeta` intimata *Ketek International Limited* wara li din tal-ahhar ivvakat l-istess bini permezz tal-kuntratt datat it-3 ta' Marzu, 2011, (ara foll 263 *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

19. Illi trasferiment t'azjenda fit-termini tal-artiklu 38 tal-Kap 452 tal-ligijiet fuq indikati jfisser trasferiment t'azjenda li zzomm l-identita` taghha bhala grupp ta' rizorsi omogenju organizzat, li jkollu l-iskop jew l-ghan li jsegwi attivita` ekonomika u li jinkludi anke il-bidla fl-esekuzzjoni ta' servizz skont ir-regolamenti naxxenti mill-imsemmi Kap;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi skont il-persuna inkarigata mis-socjeta` intimata *Ketek International Limited* appozitament biex tassistiha ghal dawn l-ghanjiet, (ara foll 256), jirrizulta s-segwenti: (ara foll 256 u 302);

20.1. Illi l-impjegati tas-socjeta` intimata *Ketek International Limited* kellhom jigu trasferiti lis-socjeta` kjamata in kawza;

20.2. Illi l-makkinarju tal-istess socjeta` fuq riferita kellhom jigu trasferiti lis-socjeta` kjamata in kawza;

20.3. Illi l-fond okkupat taht titolu ta' kura mis-socjeta` intimata in dizamina kellu jigi rilaxxat lill-*Malta Industrial Parks Limited* biex sussegwentement l-istess seta` jinghata lis-socjeta` kjamata in kawza;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi konsegwenza tal-istess ftehim jirrizulta li s-socjeta` kjamata in kawza:

21.1. Zammet lill-impjegati kkoncernati u mpjegathom hi;

21.2. Zammet il-makkinarju involut;

21.3. Kompliet topera mill-fond industrijali li precedentement kienet tuza l-istess socjeta` intimata *Ketek International Limited*, u dan, taht titolu ta' kera appozitu moghti lilha mill-*Malta Industrial Parks Limited*;

Ikkunsidrat:

22. Illi skont id-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali l-ftehim milhuq bejn is-socjetajiet intimati:

> "... kien illi minn kumpanija ghal ohra l-haddiema jghaddu daqs li kieku kienu trasferiti bil-kundizzjonijiet illi hemm fil-*legal notice* rigwardanti t-*transfer of business*, bl-idea li kemm jista` jkun, izomm l-haddiema", (ara foll 139);

23. Illi ghalhekk jirrizulta assodat, u dan oggettivament minn wiehed mill-atturi principali involuti fin-negozjati bejn iz-zewg socjetajiet intimati, li l-animu tan-negozjati kondotti bejn is-socjetajiet intimati kien effettivament li jkun hemm trasferiment tan-negozju mis-socjeta` intimata *Ketek International Limited* favur is-socjeta` kjamata in kawza *Methode Electronics Malta Limited*;

24.0. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun pacifiku li l-vertenza in dizamina effettivament tinkwadra fl-istitut tat-trasferiment ta' negozju kif ritenut mis-socjeta` intimata *Ketek International Limited stante* li:

24.1. L-impjegati tal-*Ketek International Limited* kienu assorbiti mis-socjeta` kjamata in kawza;

24.2. L-istess impjegati hekk assorbiti zammew l-istess kundizzjonijiet li kellhom precedentement;

24.3. L-obbligi tal-impjieg tal-istess impjegati ghaddew fuq is-socjeta` kjamata in kawza;

25. Illi konsegwenza tas-suespost jirrizulta assodat li l-kwistjoni tan-*notice money* sollevata mir-rikorrenti ma tirrizultax li hi aktar rilevanti ghall-vertenza in dizamina *stante* li ma jirrizultax li kien hemm terminazzjoni tal-impjieg, kif sostenut mill-istess rikorrenti;

Ikkonsidrat:

26.0. Illi rigward il-*vacation leave* kif mitlub mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

26.1. Illi l-artiklu 3A(2) tal-Avviz Legali 433 tal-2002 kif sussegwentement emendat, (Legislazzjoni Sussidjarja 452.85) tistabbilixxi li:

> "...min jittrasferixxi ghandu r-responsabbilita` civili illi jirrifondi lil min jircievi t-trasferiment ghal hlas ghad-dritt tal-*leave* annwali fuq bazi *pro rata* li ma jkunx ittiehed fil-perjodu tal-impjieg ma' min jittrasferixxi fir-rigward ta' dak il-perjodu li matulu min jittrasferixxi kien il-principal, filwaqt illi min qed jitrasferixxi ghandu jkollu d-dritt civili illi jigi rrimborsat minn min qed jircievi t-trasferiment fir-rigward ta' xi *leave* annwali li jkun inghata lill-impjegat minn min qed jittrasferixxi qabel id-data ta' trasferiment illi jkun qabez, bhala ammont, l-intitolament *pro rata* tal-*leave* annwali sad-data tat-trasferiment";

26.2. Illi ghalhekk konsegwenza tal-istess, is-socjeta` kjamata in kawza issa qeghda fil-posizzjoni ta' principal fil-konfront tar-rikorrenti;

26.3. Illi ghalhekk, ukoll l-istess socjeta` kjamata in kawza awtomatikament assumiet l-obbligi kollha rigwardanti l-*vacation leave* tar-rikorrenti;

26.4. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li peress li s-socjeta` kjamata in kawza assumiet ir-responsabbilita` imprenditorjali fil-konfront tal-haddiema rikorrenti, jirrizulta assodat li hi hallset dak minnha lilhom dovut ghas-servizzi minnhom moghtija, u li *di piu`* r-rikorrenti naqsu li jippruvaw li kien ghad hemm xi ammonti salarjali pendenti fil-konfront taghhom mis-socjeta` intimata *Ketek International Limited*;

26.5. Illi rigward in-*notice money* rikjamat mir-rikorrenti ghandu jinghad li din it-talba ghandha tigi respinta *stante* li kif intqal aktar qabel, dan ma kienx kaz ta' terminazzjoni t'impjieg izda kien biss kaz ta' trasferiment ta' negozju;

**DECIDE:**

27.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti pprovaw it-talbiet taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

27.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti kontra l-intimati;

27.2. Takkolji r-risposti tal-intimati;

27.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**